Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fl-14 ta' April 2016 [1]

**Kawża C-101/15 P**

**Pilkington Group Ltd et**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji (Artikolu 81 KE u Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE) — Multi — Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-ammont tal-multi — Dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni — Rata tal-kambju għall-kalkolu tal-limitu ta' 10 % għal multi skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 — Suq Ewropew tal-ħġieġ tal-vetturi"

## I – **Introduzzjoni**

1. L-appell preżenti jagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tieħu pożizzjoni dwar żewġ kwistjonijiet, li l-importanza tagħhom għall-prassi amministrattiva futura tal-Kummissjoni Ewropea bħala awtorità għall-kompetizzjoni ma għandhiex tiġi ssottovalutata.

2. Minn naħa, għandu jiġi ppreċiżat liema dħul mill-bejgħ tal-parteċipanti f'akkordju għandu jittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-kalkolu tal-multi li għandhom jiġu imposti fuqhom. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi ċċarat liema rata tal-kambju għandha tintuża għall-konverżjoni monetarja, meta impriża ma tippubblikax iċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ tagħha f'euro. Minn dan jista' jiddependi jekk multa imposta mill-Kummissjoni taqbiżx il-limitu legali ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża kkonċernata u liema spiża possibbilment tirriżulta fir-rigward ta' din l-impriża għall-ħlas tal-multa.

3. Barra minn hekk, huma kkonċernati ċerti dettalji b'rabta mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità meta jiġu imposti multi taħt id-dritt tal-akkordji kif ukoll b'rabta mal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' tali sanzjonijiet.

4. Il-problemi legali msemmija jqumu b'rabta mal-akkordju tal-ħġieġ tal-vetturi fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li l-Kummissjoni Ewropea żvelat xi snin ilu, u li fit-12 ta' Novembru 2008 kien is-suġġett ta' deċiżjoni li timponi multa (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża") [2]. Fil-proċedura preżenti, diversi kumpanniji tal-grupp Pilkington (iktar 'il quddiem, flimkien, "Pilkington") qed ifittxu protezzjoni ġudizzjarja quddiem il-qrati tal-Unjoni kontra din id-deċiżjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-12 ta' Novembru 2008, dwar proċediment taħt l-Artikolu 81 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE, C (2008) 6815 final (Każ COMP/39.125 – Carglas, mogħtija f'sommarju fil-ĠU 2009, C 173, p. 13); kif emendata bid-Deċiżjoni C (2009) 863 finali, tal-11 ta' Frar 2009, u bid-Deċiżjoni C (2013) 1119 finali, tat-28 ta' Frar 2013.

5. Fl-ewwel istanza, l-attakk ta' Pilkington kontra d-deċiżjoni kontenzjuża ma rnexxiex; ir-rikors għal annullament tagħha ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz tas-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata jew is-sentenza tal-Qorti Ġenerali")[3]. Issa Pilkington qiegħda tissokta bl-azzjoni tagħha fil-kuntest tal-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

6. Bħalissa hemm appell ieħor li jikkonċerna l-akkordju tal-ħġieġ tal-vetturi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[4]. Madankollu, dan ma jikkontestax l-istess sentenza tal-Qorti Ġenerali u jqajjem kwistjonijiet legali kompletament differenti.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

7. Il-qafas legali primarju għal din il-kawża huwa ddeterminat permezz tal-Artikolu 81 KE (li sar l-Artikolu 101 TFUE)[5]. Sa fejn huwa kkonċernat it-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fih regola li tikkorrispondi għall-Artikolu 81 KE. Mil-leġiżlazzjoni sussidjarja tal-Unjoni huwa rilevanti wkoll l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003[6].

8. L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' b'deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u l-assoċjazzjoni tal-impriża meta, jew b'intenżjoni jew b'negligenza:

a) jiksru l-Artikolu 81 [KE] jew l-Artikolu 82 [KE]; [...]

[...]

Għal kull impriża u assoċjazzjoni ta' l-impriża li qed jipparteċipaw fil-ksur, il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ [dħul mill-bejgħ globali] fis-sena k[u]mmerċjali preċedenti.

[...]"

9. Addizzjonalment, għandu jsir riferiment għal-Linji gwida tal-2006[7], fejn il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prassi amministrattiva tagħha fir-rigward tal-kalkolu tal-multi. B'mod partikolari, il-punti 4 sa 6, kif ukoll il-punt 13 ta' dawn il-Linji gwida jinkludu dawn il-kunsiderazzjonijiet:"4. Is-setgħa li jiġu imposti multi kontra impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi, li intenzjonalment jew b'negliġenza jiksru l-Artikolu 81 [KE] jew 82 [KE] tikkostitwixxi waħda mill-mezzi mogħtija lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' twettaq il-funzjoni tagħha ta' sorveljanza li jagħtiha t-Trattat KE. [...] Għal dan il-għan hija għandha tiżgura li l-azzjoni tagħha tkun ta' natura dissważiva kif meħtieġ [...] Konsegwentement, meta l-Kummissjoni tikkonstata ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 81 [KE] jew 82 [KE], tista' tkun

3 — Sentenza Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-72/09, EU:T:2014:1094).

4 — Kawża AGC Glass Europe *et* vs Il-Kummissjoni (C-517/15 P, ĠU C 398, p. 20).

5 — Huwa rilevanti biss il-kuntest ġuridiku qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, peress li d-deċiżjoni kkontestata ngħatat qabel l-1 ta' Diċembru 2009.

6 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1/2003".

7 — Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU C 210, p. 2), iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-2006".

neċessarja l-impożizzjoni ta' multa fuq dawk li jkunu kisru d-dispożizzjonijiet applikabbli. Il-multi għandhom jiġu ffissati f'livell suffiċjentement dissważiv, mhux biss bil-għan li jiġu ssanzjonati l-impriżi inkwistjoni (effett dissważiv speċifiku), iżda wkoll bil-għan li impriżi oħra jiġu dissważi milli jwettqu aġir li jmur kontra l-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] jew milli jissoktaw b'tali aġir (effett dissważiv ġenerali).

5. Biex jinkisbu dawn l-għanijiet, il-multi għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-valur tal-oġġetti jew tas-servizzi mibjugħa kkonċernati mill-ksur. It-tul tal-ksur ukoll għandu jkollu rwol importanti fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, peress li neċessarjament dan għandu impatt fuq il-konsegwenzi potenzjali tal-ksur fis-suq. B'hekk, il-multa għandha tirrifletti n-numru ta' snin li matulhom impriża tkun ipparteċipat fi ksur.

6. Il-fatt li l-valur tal-bejgħ relatat mal-ksur jiġi kkombinat mat-tul tal-ksur huwa meqjus bħala valur ta' sostituzzjoni adegwat sabiex jiġu riflessi l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll il-piż relattiv ta' kull impriża individwali li tipparteċipa fil-ksur. Ir-riferiment għal dawn l-indikaturi jagħti indikazzjoni tajba ta' kemm għandha tkun kbira l-multa u ma għandux jinftiehem bħala l-bażi ta' metodu ta' kalkolu awtomatiku u aritmetiku.

[...]

13. Sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni għandha tuża l-valur tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, magħmul mill-impriża, relatati direttament jew indirettament [...] mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat fi ħdan it-territorju taż-ŻEE. Normalment, il-Kummissjoni għandha tuża l-bejgħ tal-impriża matul l-aħħar sena kompluta tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## III – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

### A – *Il-fatti u l-proċedura amministrattiva*

10. Pilkington hija waħda mill-manifatturi ewlenin fid-dinja tal-ħġieġ, speċjalment ħġieġ tal-vetturi.

11. Skont il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, Pilkington, flimkien ma' impriżi oħra attivi f'dan is-settur, instabet ħatja għal ksur tad-dritt tal-akkordji, li kien jikkonsisti f'arranġamenti dwar ordnijiet għall-provvista ta' partijiet ta' ħġieġ għal vetturi lill-manifatturi tal-vetturi bil-mutur il-kbar kollha fiż-ŻEE. Kien hemm ċerti politiki ta' prezzijiet u strateġiji ta' provvista ta' ċerti parteċipanti fl-akkordju bil-għan li jkun hemm stabbiltà globali tal-pożizzjonijiet tal-impriżi rispettivi fis-suq inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-parteċipanti fl-akkordju ssorveljaw id-deċiżjonijiet meħuda matul il-laqgħat u l-kuntatti tagħhom, u ftiehmu dwar miżuri ta' korrezzjoni sabiex ipattu għal xulxin.

12. L-akkordju dwar il-ħġieġ tal-vetturi kien attiv fiż-ŻEE mill-10 ta' Marzu 1998 sal-11 ta' Marzu 2003, għalkemm iż-żmien tal-involviment tal-impriżi individwali fl-akkordju kien ivarja – fil-każ ta' Pilkington mill-10 ta' Marzu 1998 sat-3 ta' Settembru 2002. Dan kien jikkostitwixxi ksur wieħed u kontinwu.

13. Matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni, fit-18 ta' April 2007, indirizzat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil diversi impriżi parteċipanti fl-akkordju, fosthom lil Pilkington. Is-smigħ organizzat mill-Kummissjoni nżamm fl-24 ta' Settembru 2007. Wara li ssejjaħ il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkordji u l-Pożizzjonijiet Dominanti, il-Kummissjoni ħarġet id-deċiżjoni kontenzjuża fit-12 ta' Novembru 2008.

14. L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża jikkonstata li diversi impriżi, fosthom ukoll Pilkington [Artikolu 1(c)], kisru l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw fit-totalità tal-ftehimiet u/jew tal-prattiki miftiehma fis-settur tal-ħġieġ tal-vetturi fiż-ŻEE.

15. Il-multi imposti fuq l-impriżi individwali għall-parteċipazzjoni rispettiva tagħhom fl-akkordju jirriżultaw mill-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-każ ta' Pilkington, din tammonta għal 370 miljun euro, li l-appellanti huma responsabbli *in solidum* għaliha [Artikolu 2(1)(c)]. Permezz ta' deċiżjoni ta' emenda tat-28 ta' Frar 2013, li kellha l-għan li tikkorreġi żbalji fil-kalkolu, dan l-ammont tnaqqas għal 357 miljun euro[8]. Skont l-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-multa kellha titħallas f'euro f'terminu ta' tliet xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni.

### B – *Il-proċedura tal-ewwel istanza*

16. Diversi destinatarji tad-deċiżjoni kontenzjuża talbu protezzjoni ġudizzjarja fl-ewwel istanza permezz ta' rikorsi għal annullament ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali.

17. Għal dak li jikkonċerna lill-grupp Pilkington, fl-ewwel istanza Pilkington Group Ltd, Pilkington Automotive Ltd, Pilkington Automotive Deutschland GmbH, Pilkington Holding GmbH u Pilkington Italia SpA (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti" jew l-"appellanti", skont il-każ) flimkien ippreżentaw rikors kontra l-Kummissjoni permezz ta' att tat-18 ta' Frar 2009.

18. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Diċembru 2014, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors, iżda kkundannat lill-Kummissjoni għal 10 % tal-ispejjeż ta' Pilkington[9]. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkundannat lir-rikorrenti għall-ispejjeż kollha tal-proċedura fl-ewwel istanza.

## IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

19. Permezz ta' att tas-27 ta' Frar 2015, l-appellanti ppreżentaw flimkien l-appell preżenti mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali.

20. L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza mogħtija fil-Kawża T-72/09, sa fejn din tiċħad ir-rikors ippreżentat kontra l-Artikolu 2(c) tad-deċiżjoni kontenzjuża,

— tnaqqas il-multa imposta fuq l-appellanti fl-Artikolu 2(c) tad-deċiżjoni kontenzjuża, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mill-appellanti f'din il-proċedura.

21. Il-Kummissjoni titlob, min-naħa tagħha, li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż tal-proċedura.

22. Il-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja żvolġiet fuq il-bażi ta' osservazzjonijiet bil-miktub u ta' seduta, li nżammet fit-2 ta' Marzu 2016.

8 — Iktar 'il quddiem imqassar ukoll għal EUR.

9 — Il-Qorti Ġenerali ġġustifikat din id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż bil-fatt li kien biss matul il-proċedura pendenti fl-ewwel istanza li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni ta' emenda tat-28 ta' Frar 2013 (ara l-punt 15 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 2 iktar 'il fuq), li permezz tagħha kkoreġiet żewġ żbalji b'rabta mal-kalkolu tal-multa (punti 448 u 449 tas-sentenza appellata).

## V – **Analiżi tal-aggravji**

23. Permezz tal-appell tagħha, Pilkington ma tikkontestax il-punti kollha li kienu s-suġġett tal-proċedura fl-ewwel istanza. Għall-kuntrarju, l-argumenti legali fl-appell huma limitati biss għall-kwistjonijiet b'rabta mal-kalkolu tal-multa. F'dan ir-rigward, l-appellanti bbażaw ruħhom fuq tliet aggravji, l-ewwel wieħed dwar id-dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni (ara, f'dan ir-rigward, it-taqsima A hawn taħt), it-tieni wieħed dwar ir-rata tal-kambju tal-euro rilevanti għad-determinazzjoni tal-livell ta' 10 % (ara t-Taqsima B iktar 'l isfel), u t-tielet wieħed dwar diversi prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-istat tad-dritt (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima C iktar 'l isfel).

### A – *Fuq id-dħul mill-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-multa (l-ewwel aggravju)*

24. L-ewwel aggravju huwa kontra l-punti 201 sa 227 (u, b'mod partikolari, kontra l-punti 217 sa 227) tas-sentenza appellata. Huwa għandu bħala suġġett it-tip ta' dħul mill-bejgħ li jista' jservi bħala bażi għall-kalkolu ta' multa fis-sens tal-Artikolu 23(2)(1)(a) tar-Regolament Nru 1/2003. L-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, approvat l-approċċ tal-Kummissjoni fis-sens li anki l-provvisti ta' Pilkington imwettqa skont kuntratti mill-perijodu ta' qabel il-bidu tal-ksur jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, anki jekk dawn il-kuntratti ma ġewx innegozjati mill-ġdid matul il-perijodu ta' ksur. B'hekk, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006.

25. Skont il-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006, bil-għan li jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni għandha tuża l-valur tal-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi, magħmul mill-impriża kkonċernata, relatati direttament jew indirettament mal-ksur, fis-suq ġeografiku kkonċernat fi ħdan it-territorju taż-ŻEE.

26. B'hekk, il-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 għandu l-għan li jqis, bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża, ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur u l-piż relattiv ta' din l-impriża fih (skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [10], li min-naħa tagħha ssegwi strettament il-kliem tal-punt 6 tal-Linji gwida). Għall-kuntrarju, għandu jiġi eskluż id-dħul mill-bejgħ li ma għandux rabta reali mal-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju fiż-ŻEE [11].

27. Fil-każ preżenti, it-tilwima tikkonċerna essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk tridx tkun teżisti rabta kawżali ta' kwalunkwe tip bejn il-prattiki tal-akkordju u l-komponenti tad-dħul mill-bejgħ individwali inkorporati fil-kalkolu tal-multa. L-appellanti huma tal-fehma li, mill-inqas, ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni dak il-bejgħ ta' ħġieġ tal-vetturi li loġikament l-akkordju ma kellux impatt fuqu, minħabba li dan il-bejgħ kien ibbażat fuq kuntratti li ġew konklużi qabel il-bidu tal-ksur – allegatament taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali – u li ma reġgħux ġew innegozjati mill-ġdid matul il-perijodu tal-ksur. Huma jgħidu li bl-inklużjoni ta' tali bejgħ, id-daqs tal-akkordju jkun qed jiġi esaġerat.

10 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 76), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni(C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punti 57 u 59), Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184, punti 148 u 149), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punti 53 u 55), InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 50), AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni (C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 64) u Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni (C-373/14 P, EU:C:2016:26, punt 85).

11 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 77), Guardian Industries und Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 58), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 54) u InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 62).

28. Dan bl-ebda mod ma jikkonċerna biss tilwima teoretika jew dettall tekniku: li kieku l-imsemmi bejgħ ta' Pilkington baqa' ma tteħidx inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-kalkolu, skont l-informazzjoni mogħtija mill-appellanti, il-multa li kienet tkun imposta mill-Kummissjoni kellha tkun madwar EUR 49 miljun inqas.

29. Anki jekk l-argument tal-appellanti dwar l-interpretazzjoni tal-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 jista' jidher attraenti mal-ewwel daqqa t'għajn, dan madankollu ma huwiex sostenibbli f'eżami iktar iddettaljat.

30. Dan minħabba li l-kliem tal-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 huwa mfassal b'mod estremament wiesa': dan jikkonċerna l-oġġetti u s-servizzi kollha mibjugħa mill-parteċipanti rispettivi fl-akkordju fis-suq ġeografiku rilevanti taż-ŻEE, *b'relazzjoni diretta jew indiretta* mal-ksur. Fl-istess termini ġenerali, il-punt 5 tal-istess Linji gwida jiddisponi li l-multi għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-valur tal-oġġetti jew tas-servizzi mibjugħa, li magħhom *huwa relatat* il-ksur.

31. Bħalma diġà ċċarat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' dħul mill-bejgħ użat fil-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 ikun mifhum b'mod wisq restrittiv li kieku dak li jkun ried jinkludi biss bejgħ li fir-rigward tiegħu huwa stabbilit li fir-realtà kien affettwat mill-akkordju impost[12]. Konsegwentement, skont il-ġurisprudenza, meta jiġi ddeterminat l-ammont bażiku ta' multa, ma jridx jiġi pprovat b'mod pożittiv li l-komponenti tad-dħul mill-bejgħ individwali użati bħala bażi għall-kalkolu kienu kull darba affettwati mill-ksur[13].

32. Huwa minnu li l-kunċett ta' bejgħ użat fil-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 ma għandux jiġi estiż b'tali mod li fih jiġi inkluż ukoll bejgħ li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju inkwistjoni[14]. Iżda, sa fejn huwa kkonċernat bejgħ li fi kwalunkwe każ sar fis-suq rilevanti, bħalma huwa l-każ hawnhekk, dan awtomatikament huwa parti mill-bażi għall-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa[15]. B'differenza minn dak li tallega Pilkington, tali bejgħ bl-ebda mod ma jinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju.

33. L-imsemmi bejgħ huwa indikazzjoni utli tal-ħsara kkawżata minħabba l-akkordju u speċjalment minn Pilkington fir-rigward tal-kompetizzjoni fiż-ŻEE, peress li dan jagħti indikazzjoni tal-importanza ekonomika tal-akkordju għas-suq rilevanti kif ukoll dwar il-piż relattiv ta' Pilkington fl-akkordju, kif jeħtieġu l-punti 6 u 13 tal-Linji gwida tal-2006 kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata[16].

34. Li kieku dak li jkun, kif qed jimmaġinaw l-appellanti, ried jeskludi parti mill-bejgħ magħmul fis-suq rilevanti mill-kalkolu tal-multa, dan f'ħafna każijiet inaqqas b'mod artifiċjali l-importanza ekonomika tal-akkordju u konsegwentement ikun f'kontradizzjoni totali mal-għan tal-punti 6 u 13 tal-Linji gwida tal-2006[17] (ara, b'mod addizzjonali, il-punti 4 u 5 tal-Linji gwida). Dan għaliex il-portata kollha ta' ksur tad-dritt tal-akkordji ma tkunx riflessa b'mod adegwat jekk wieħed iqis b'mod selettiv biss dħul mill-bejgħ individwali mwettaq mill-parteċipanti f'akkordju fis-suq rilevanti.

12 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 76), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 57), Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 148) kif ukoll LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 53).

13 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 57).

14 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 76), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 57), Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 148), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 53) u InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 55).

15 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza LG Display und LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 57), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 "japplika għall-bejgħ li sar fis-suq rilevanti affettwat mill-ksur".

16 — Ara, f'dan ir-rigward, għal darb'oħra, il-punt 26 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq, flimkien man-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

17 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 77), Guardian Industries und Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 58), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 54) u InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 62).

35. B'mod partikolari, il-metodu ta' kalkolu ffavorit mill-appellanti jinjora l-fatt li l-kwistjoni ewlenija ta' diversi akkordji – anki tal-akkordju inkwistjoni hawnhekk – hija li s-suq jitqassam bejn il-parteċipanti f'akkordju jew li s-sehem mis-suq tagħhom jinżamm fuq livell miftiehem. Dan l-*effett ta' stabbilizzazzjoni*, li l-Qorti Ġenerali ġustament enfasizzat[18], naturalment huwa ta' benefiċċju għall-attività kollha tal-parteċipanti f'akkordju fis-suq rispettiv. F'dan ir-rigward, bħalma enfasizzat b'mod persważiv ħafna l-Kummissjoni, il-manipulazzjoni ta' xi ftit tranżazzjonijiet legali diġà tista' twassal sabiex jinkiseb l-effett mixtieq mill-parteċipanti fl-akkordju fis-suq kollu. Madankollu, jekk l-għan illegali tal-kartell u b'hekk l-"enerġija kriminali" tal-kartell ikopru s-suq kollu, f'dan il-każ il-bejgħ kollu magħmul f'dan is-suq għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-multi.

36. Konsegwentement, ma huwiex deċiżiv jekk l-impriżi kkonċernati jkunux adottaw aġir kolluživ li jista' jiġi pprovat, jew anki biss possibbli, fir-rigward ta' kull tranżazzjoni legali individwali magħmula. Barra minn hekk, lanqas ma huwa rilevanti jekk u sa liema punt fir-realtà nkisibx is-suċċess antikompetittiv imfittex minn dawn l-impriżi b'dan l-akkordju[19]. Għall-kuntrarju, huwa suffiċjenti li tkun intiża jew tiġi kkawżata *distorsjoni tal-kompetizzjoni* fis-suq ikkonċernat fis-sens tal-Artikolu 81 KE (Artikolu 101 TFUE)[20]. F'każ bħal dan, bħala prinċipju, id-dħul mill-bejgħ kollu magħmul mill-parteċipanti fl-akkordju f'dan is-suq għandu jiġi inkorporat fil-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa.

37. Barra minn hekk, il-piż amministrattiv assoċjat mal-evalwazzjoni ta' kull bejgħ fis-suq rilevanti magħmul mill-parteċipanti fl-akkordju jkun għalkollox sproporzjonat. Dan għaliex, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-ammonti tad-dħul mill-bejgħ li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-multa huma bbażati fuq għadd ta' tranżazzjonijiet, li fir-rigward tagħhom ma tantx jidher prattiku li jiġi eżaminat kif kull waħda individwali ġiet influwenzata, fir-realtà jew potenzjalment, minħabba l-prattiki kolluživi tal-parteċipanti fl-akkordju. Dan japplika iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-akkordji huma kkaratterizzati minn kultura ta' segretezza min-naħa tal-impriżi parteċipanti, li ma għandhiex tiġi "ppremjata" wkoll fuq il-livell tal-kalkolu tal-multa[21].

38. Kollox ma' kollox, b'hekk, huwa determinanti biss il-fatt li l-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni waqt il-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa jkun *sar fis-suq rilevanti*[22] . Dan għaliex huwa preċiżament dan id-dħul mill-bejgħ, li ġej mill-bejgħ tal-prodotti li fuqhom huwa bbażat il-ksur, li huwa l-iktar xieraq sabiex jirrifletti l-importanza ekonomika ta' dan il-ksur[23]. B'dan il-mod jiġi żgurat li tiġi imposta sanzjoni xierqa li tikkontribwixxi għal infurzar effettiv tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-suq intern Ewropew (ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-punti 4 u 5 tal-Linji gwida tal-2006).

39. Konsegwentement, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

18 — Punti 224 u 226 tas-sentenza appellata.

19 — Anki l-arranġamenti tal-akkordju, li finalment ma twettqux mill-impriżi parteċipanti jew ma kisbux l-effett mixtieq fis-suq, huma u jibqgħu jikkostitwixxu ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, li tista' u għandha tittieħed azzjoni dwarhom mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

20 — Fuq in-natura deċiżiva tal-kriterju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni ara wkoll is-sentenzi LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 63) u InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 61).

21 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punt 77), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 58) u LG Display und LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 54).

22 — Ara, għal darb'oħra, is-sentenza LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 57) bir-riferiment tagħha għall-"bejgħ li sar fis-suq rilevanti affettwat mill-ksur".

23 — Sentenzi Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni (C-444/11 P, EU:C:2013:464, punti 75 sa 78), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punti 57 sa 59), Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184, punti 148 u 149), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punti 53 sa 58 u 64) kif ukoll InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 51).

B – *Fuq ir-rata tal-kambju rilevanti fil-kalkolu tal-limitu ta' 10 % għall-multa (it-tieni aggravju)*

40. It-tieni aggravju huwa kontra l-punti 410 sa 423 tas-sentenza appellata u jikkonċerna l-limitu applikabbli fuq il-livell tal-Unjoni għall-multi (kultant imsejjaħ ukoll il-"limitu massimu"), skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Skont din id-dispożizzjoni, il-multa imposta fuq impriża ma tistax taqbeż l-10 % tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha magħmul fis-sena kummerċjali preċedenti.

41. Fil-fehma tal-appellanti, is-sentenza appellata tikser din id-dispożizzjoni minħabba li l-Qorti Ġenerali ddeterminat b'mod żbaljat ir-rata tal-kambju għall-konverżjoni monetarja mil-lira sterlina [24] f'euro. Li kieku l-Qorti Ġenerali, bħalma diġà għamlet il-Kummissjoni qabilha, ma ħaditx bħala l-punt tal-bidu r-rata tal-kambju medja tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) matul l-aħħar sena kummerċjali sħiħa ta' Pilkington qabel ittieħdet id-deċiżjoni kontenzjuża, iżda minflok qieset ir-rata tal-kambju ppreferuta minn Pilkington, jiġifieri dik fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, kienet tikkalkola limitu ta' 10 % iktar baxx u b'hekk ukoll multa iktar baxxa fir-rigward ta' Pilkington.

1. Rimarka preliminari

42. Il-kuntest tal-ilment imressaq hawnhekk huwa kkaratterizzat mill-fatt li l-kumpannija parent ta' Pilkington għandha s-sede tagħha fir-Renju Unit, u għalhekk id-dħul mill-bejgħ tal-grupp Pilkington fl-intier tiegħu li jservi bħala bażi għall-kalkolu fil-każ preżenti huwa ddeterminat f'lira sterlina. Għall-kuntrarju, il-multi imposti mill-Kummissjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex tissanzjona ksur tad-dritt tal-akkordji huma espressi f'euro. B'hekk hija meħtieġa konverżjoni monetarja sabiex jiġi ddeterminat jekk il-multa imposta taqbiżx il-limitu legali ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ globali ta' Pilkington fl-aħħar sena kummerċjali sħiħa tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

43. L-appellanti jargumentaw b'mod mhux ikkontestat li d-dħul mill-bejgħ globali ta' Pilkington fis-sena kummerċjali mill-1 ta' April 2007 sal-31 ta' Marzu 2008 kien jammonta għal GBP 2 614 biljun. B'hekk, il-punt tal-bidu għall-kalkolu tal-limitu ta' 10 % fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 kien valur ta' GBP 261.4 biljun (10 % ta' GBP 2 614 biljun).

44. Jekk, bħalma għamlu l-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali, għall-konverżjoni monetarja tittieħed bħala bażi r-rata tal-kambju medja tal-BĊE rilevanti f'dak il-perijodu (GBP 1 = EUR 1.415), jirriżulta limitu ta' EUR 370.1 miljun. Jekk, għall-kuntrarju, dak li jkun jibbaża ruħu fuq ir-rata tal-kambju speċifika tal-BĊE fit-12 ta' Novembru 2008, jiġifieri l-ġurnata meta l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża (GBP 1 = EUR 1.2149 jew EUR 1 = GBP 0.82310) [25], jiġi kkalkolat limitu ħafna iktar baxx ta' EUR 317.5 miljun.

45. B'hekk, fl-ewwel każ, il-multa imposta mill-Kummissjoni, bl-ammont ikkoreġut tagħha ta' EUR 357 miljun hija evidentement inqas mil-limitu ta' 10 % [26], u fit-tieni każ, b'kuntrast ma' dan, din tkun taqbeż il-limitu ta' 10 % bi kważi EUR 40 miljun. B'hekk hija preċiżament din id-differenza ta' madwar EUR 40 miljun li tinsab inkwistjoni fit-tilwima bejn il-partijiet fil-kuntest tat-tieni aggravju dwar l-għażla tar-rata tal-kambju korretta għall-konverżjoni monetarja. Għandu jiġi ċċarat jekk id-deprezzament tal-lira sterlina meta mqabbla mal-euro, kif ġie rreġistrat fil-perijodu sal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, huwiex ta' benefiċċju għal Pilkington jew għall-kuntrarju jikkostitwixxix riskju ta' kambju li għandu jiġġarrab minn Pilkington.

24 — Iktar 'il quddiem imqassra wkoll għal GBP.

25 — ĠU C 290, 13.11.2008, p. 6.

26 — Anki l-ammont stabbilit oriġinarjament ta' EUR 370 miljun jibqa', għalkemm bi ftit, taħt il-limitu ta' 10 %, meta dak li jkun jibbaża fuq ir-rata tal-kambju medja.

2. Fuq l-ilmenti mressqa minn Pilkington

46. Filwaqt li l-appellanti jirrikonoxxu espressament id-dritt tal-Kummissjoni li tistabbilixxi f'euro l-multi imposti minnha taħt id-dritt tal-akkordji skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, huma jqisu li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali b'rabta mar-rata tal-kambju rilevanti għall-kalkolu tal-limitu ta' 10 % huma legalment żbaljati.

47. L-ilmenti tagħhom f'dan ir-rigward kontra s-sentenza appellata essenzjalment jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ kwistjonijiet tematiċi: minn naħa, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-għan tal-limitu ta' 10 % (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima A hawn taħt) u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti tal-ugwaljanza fit-trattament u taċ-ċertezza legali ma humiex issodisfatti (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima B iktar 'l isfel).

a) L-għan tal-limitu ta' 10 %

48. Permezz tal-limitu ta' 10 %, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, huwa inkorporat element, fil-kalkolu tal-multi taħt id-dritt tal-akkordji, li jsegwi għan distint u awtonomu b'rabta mal-kriterji fundamentali ta' gravità u ta' tul tal-ksur [27]. Huwa importanti li tittieħed inkunsiderazzjoni l-kapaċità ta' ħlas tal-impriżi kkonċernati kif ukoll li tiġi evitata l-impożizzjoni ta' multi eċċessivi u sproporzjonati [28].

49. Fil-kuntest tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, hija rilevanti l-kapaċità ta' ħlas tal-impriża fil-mument fejn hija tinstab responsabbli tal-ksur u tkun imposta sanzjoni pekunjarja mill-Kummissjoni [29].

50. L-aħjar, il-kapaċità ta' ħlas ta' impriża mingħajr dubju għandha tittieħed inkunsiderazzjoni meta tkun ser tiġi evalwata fid-dawl tal-ġurnata preċiża meta l-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni tagħha li timponi multa. Madankollu, dan ikun jirrappreżenta diffikultajiet prattiki li kważi ma jistgħux jingħelbu għall-Kummissjoni: minn naħa, meta tiġi adottata deċiżjoni li timponi multa, normalment ma jkunux magħrufa ċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ attwali tal-impriża kkonċernata, iżda dawn ikunu jeżistu f'għamla mhux iċċertifikata u li għaldaqstant ma tkunx affidabbli. Min-naħa l-oħra, anki l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet interni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari s-smigħ meħtieġ mil-liġi tal-Kumitat Konsultattiv [30], iżda wkoll il-ħtieġa ta' riflessjoni interna dwar l-adegwatezza, il-metodi ta' kalkolu u l-ammont tas-sanzjoni fil-każ partikolari [31], jirrikjedu li ma jistgħux jiġu ppreżentati u pproċessati ċifri ġodda b'mod kostanti sal-aħħar ġurnata.

51. Il-leġiżlatur tal-Unjoni qies din iċ-ċirkustanza, u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 stabbilixxa parti waħda minn għaxra tad-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi kkonċernati fl-aħħar sena kummerċjali tagħhom preċedenti għad-deċiżjoni li timponi multa bħala valur ta' riferiment għall-kapaċità ta' ħlas tagħhom [32]. Huwa daqslikieku mistħajjel legalment li l-kapaċità ta' ħlas ta' impriża għall-finijiet tal-kalkolu tal-multa tikkorrispondi għal dik li tirriżulta mid-dħul mill-bejgħ iċċertifikat tagħha għall-aħħar sena kummerċjali sħiħa qabel l-adozzjoni

27 — Sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 282).

28 — Sentenzi Musique diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punti 119 u 121), Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 280 u 281), Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, EU:C:2007:326, punt 24) u YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, EU:C:2014:2153, punt 63).

29 — Sentenza YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, EU:C:2014:2153, punt 63).

30 — Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1/2003.

31 — Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li timponi multi skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 jiġu adottati skont il-prinċipju ta' kolleġjalità [ara l-Artikolu 1 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni kif ukoll l-Artikolu 17(6)(b) TUE u l-Artikolu 250 TFUE].

32 — Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, EU:C:2014:2153, punt 64, l-ewwel sentenza).

tad-deċiżjoni li timponi multa. Bħala regola, jista' jkun mistenni li l-kapaċità ta' ħlas ta' impriża kkalkolata b'dan il-mod fil-ġimgħat jew fix-xhur sal-adozzjoni ta' deċiżjoni li timponi multa ma tinbidilx sostanzjalment u li ċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ tal-aħħar sena kummerċjali sħiħa tagħha għalhekk jibqgħu validi.

52. Iżda meta frazzjoni partikolari (10 %) tad-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża kkonċernata fl-aħħar sena kummerċjali sħiħa tagħha tkun tikkostitwixxi l-valur ta' riferiment statutorju għall-kapaċità ta' ħlas tagħha, sussegwentement, anki għall-konverżjoni monetarja għandha tkun rilevanti r-rata tal-kambju medja applikabbli matul il-perijodu ta' referenza. Dan peress li din ir-rata tal-kambju biss tippermetti evalwazzjoni taċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ fil-kuntest li joriġinaw minnu, u xorta tirrifletti bl-aħjar mod ir-realtajiet ekonomiċi li kienu predominanti f'dak iż-żmien[33]. Il-Qorti Ġenerali indikat dan ġustament[34].

53. Li kieku dak li jkun jaqleb għal rata tal-kambju differenti minn perijodu iktar tard, dan jista' jwassal għal distorsjoni serja tal-validità ta' dawn iċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ: l-applikazzjoni ta' rata tal-kambju ġdida għal ċifri antiki finalment ma tkunx iktar ħlief paragun ta' żewġ affarijiet totalment differenti.

54. Anki fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja invokati mill-appellanti ma hemm xejn li jista' jissuġġerixxi li trid tintuża rata tal-kambju ta' żmien iktar tard, b'mod partikolari r-rata tal-kambju kurrenti applikabbli meta tiġi adottata d-deċiżjoni li timponi multa.

55. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja f'xi każijiet fil-fatt irrikonoxxiet li l-limitu ta' 10 % sa ċertu punt jista' jipproteġi lill-impriżi kkonċernati anki minn varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju[35]. Madankollu, dan ma huwiex għan awtonomu tal-limitu, iżda wieħed mill-aspetti tal-protezzjoni li joffri t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 lill-impriżi kkonċernati sabiex jipproteġihom minn multi eċċessivi u sproporzjonati[36].

56. Barra minn hekk, fil-każijiet diskussi sa issa fil-ġurisprudenza, il-kwistjoni prinċipali kull darba kienet tikkonċerna bidliet fir-relazzjoni bejn il-muniti li seħħew *qabel* it-tmiem tal-perijodu ta' referenza, li miegħu huwa marbut il-limitu ta' 10 % skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003[37]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tefgħet ħarsitha lura lejn perijodi preċedenti u ma ħarsitx 'il quddiem lejn il-ġimgħat u x-xhur ta' *wara* li ntemmet l-aħħar sena kummerċjali qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, kif Pilkington qed titlob f'dan il-każ.

57. Hemm raġunijiet tajba għalfejn kellha titfa' "ħarsitha lura", b'differenza għas-sitwazzjoni fejn ikollha "tħares 'il quddiem": l-ewwel nett, il-perijodu bejn il-waqfien tal-ksur u l-aħħar sena kummerċjali preċedenti għad-deċiżjoni li timponi multa bħala regola jdum diversi snin u b'hekk naturalment huwa iktar suxxettibbli għal bidliet fil-kapaċità ta' ħlas tal-impriżi b'rabta mar-rata tal-kambju mill-ġimgħat u mix-xhur inkwistjoni hawnhekk, immedjatament preċedenti għad-deċiżjoni li timponi multa. It-tieni nett, huwa biss jekk titfa' "ħarsitha lura" li tkun tista' tirrikorri għal ċifri affidabbli li, flimkien mar-rati tal-kambju relatati għall-konverżjoni monetarja, kienu jeżistu f'waqt suffiċjentement tajjeb sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha.

33 — Il-kwistjoni dwar liema rata tal-kambju tapplika għad-dħul mill-bejgħ tal-kumpanniji individwali ta' grupp fil-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ globali ta' dan il-grupp – ir-rata tal-kambju medja tas-sena kummerċjali kkonċernata jew ir-rata applikabbli f'data effettiva partikolari, – ma hijiex is-suġġett ta' din il-proċedura u ma hija ttrattata bl-ebda mod mill-ebda waħda miż-żewġ partijiet. Għalhekk anki jien mhux ser nindirizza din il-kwistjoni f'dawn il-konklużjonijiet.

34 — Punt 415 tas-sentenza appellata.

35 — Sentenzi Enso Española vs Il-Kummissjoni (C-282/98 P, EU:C:2000:628, punt 59), Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, punt 89) u Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 606).

36 — Ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq flimkien man-nota ta' qiegħ il-paġna 28.

37 — Dan huwa partikolarment ċar mis-sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 605).

58. L-unika indikazzjoni fil-ġurisprudenza li tista' tindika "ħarsa 'l quddiem" u li għalhekk tista' tindika ċerta rilevanza tar-rati tal-kambju kurrenti, tinsab fis-sentenza relattivament iktar antika tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża Sarrió vs Il-Kummissjoni. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari affermat "li l-ammont tal-multa kkonvertit f'munita nazzjonali bir-rata tal-kambju applikabbli fil-mument tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni ma jaqbiżx l-10 % tad-dħul mill-bejgħ globali miksub mir-rikorrenti fl-[aħħar sena kummerċjali li tippreċedi d-deċiżjoni]" [38].

59. Sa fejn huwa apparenti, dan l-approċċ ma stabbilixxa ebda preċedent. Lanqas ma nemmen li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ssegwih issa.

60. Apparti mill-oġġezzjoni fundamentali li diġà ssemmiet, li jekk tintuża rata tal-kambju kurrenti, iċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ antiki jinqalbu b'mod żbaljat b'rata tal-kambju ġdida li ma tirriżultax mill-istess perijodu, l-argument tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawża Sarrió vs Il-Kummissjoni bbażat fuq il-mument tal-*pubblikazzjoni* tad-deċiżjoni jidhirli li huwa għalkollox inadegwat u mhux prattikabbli: f'każijiet ta' akkordji, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni normalment issir biss ħafna wara l-adozzjoni tagħha, xi kultant saħansitra snin wara. Il-Kummissjoni b'hekk trid litteralment ikollha l-fakultà ta' kjaroveġġent jekk tixtieq tieħu inkunsiderazzjoni tali rati tal-kambju futuri diġà meta tieħu d-deċiżjoni tagħha. Barra minn hekk, ma huwiex evidenti kemm ir-rata tal-kambju rilevanti fil-jum tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni għandha tipprovdi informazzjoni preċiża dwar il-kapaċità ta' ħlas tal-impriża kkonċernata f'mument ħafna iktar kmieni, meta l-Kummissjoni timponi l-multa fuqha u tirkupraha.

61. Is-soluzzjoni għall-kwistjoni li qed jilmentaw dwarha l-appellanti, fil-fehma tiegħi, għandha tiġi mfittxija fuq livell kompletament differenti, jiġifieri fid-dritt dwar il-baġit tal-Unjoni: jekk jirriżulta li l-kapaċità ta' ħlas ta' impriża tonqos drastikament bejn it-tmiem tal-aħħar sena kummerċjali tagħha u l-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa minħabba varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju jew minħabba raġunijiet oħra, id-dritt dwar il-baġit jipprevedi l-mekkaniżmi xierqa sabiex jiġi indirizzat il-piż eċċessiv li jhedded lil din l-impriża fil-kuntest tal-irkuprar tal-multa imposta mill-Kummissjoni [39]. Dawn il-mekkaniżmi jippermettu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet imfassla apposta għal kull każ, li jvarjaw mill-għoti ta' skadenzi għall-ħlas ġenerużi sar-rinunzja tad-dejn għalkollox jew parzjalment, għalkemm minkejja dan għandha tittieħed inkunsiderazzjoni kif dovut kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara, f'dan ir-rigward, b'mod partikolari l-Artikoli 89 u 91 tad-dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-Unjoni [40]).

62. Barra minn hekk, għall-kuntrarju tal-fehma espressa minn Pilkington fis-seduta, il-fatt li l-mekkaniżmi previsti fid-dritt dwar il-baġit tal-Unjoni għandhom effett biss f'każijiet eċċezzjonali estremi bl-ebda mod ma jipprekludi din is-soluzzjoni. Dan għaliex ir-riskji "normali" kollha b'rabta mal-kapaċità ta' ħlas tagħhom, b'mod partikolari r-riskju tal-kambju normali, iridu jiġġarrbu mill-impriżi kkonċernati stess [41]. Dan ser nerġa' nindirizzah f'punti oħra [42].

63. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti tal-appellanti bbażati fuq l-għan tal-limitu ta' 10 % ma għandhomx jintlaqgħu.

38 — Sentenza Sarrió vs Il-Kummissjoni (T-334/94, EU:T:1998:97, punt 403).

39 — Ara, f'dan is-sens ukoll, is-sentenza Musique diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 135).

40 — Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, p. 1).

41 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Española vs Il-Kummissjoni (C-282/98 P, EU:C:2000:628, punt 59), Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, Rn. 89) u Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 604).

42 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punt 73 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il quddiem.

b) Ir-rekwiżiti tal-ugwaljanza fit-trattament u taċ-ċertezza legali

64. Barra minn hekk, fil-każ preżenti l-appellanti jargumentaw ukoll dwar il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ċ-ċertezza legali. Fil-fehma tagħhom, anki fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji għandu jirriżulta li għall-konverżjoni monetarja ma hijiex rilevanti r-rata tal-kambju medja tal-aħħar sena kummerċjali sħiħa ta' Pilkington qabel ittieħdet id-deċiżjoni kontenzjuża, iżda r-rata tal-kambju kurrenti fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni.

i) Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

65. Minn naħa, l-appellanti jakkużaw lill-Qorti Ġenerali bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fil-fehma tagħhom, l-impriżi kollha għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali, irrispettivament mill-munita li jużaw sabiex iżommu l-kotba tagħhom. Dan ma ġiex irrikonoxxut mill-Qorti Ġenerali.

66. Il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[43]. Dan ma jistax jiġi interpretat u applikat b'mod differenti skont il-qasam legali inkwistjoni.

67. Skont ġurisprudenza stabbilita, dan il-prinċipju jirrikjedi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat[44].

68. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod speċjali għall-kalkolu tal-multi b'rabta mad-dritt tal-akkordji, tirrikonoxxi li l-limitu ta' 10 % skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 huwa limitu li japplika b'mod uniformi għall-impriżi kollha[45], dan ma huwa xejn iktar ħlief riżultat tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

69. Fid-dawl tal-problema inkwistjoni hawnhekk, għandu l-ewwel nett jiġi nnotat li l-kapaċità ta' ħlas ta' kull impriża naturalment tista' tkun suġġetta għal ċerti varjazzjonijiet bejn it-tmiem tal-aħħar sena kummerċjali tagħha u l-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar il-multa. Tali varjazzjonijiet jistgħu jirriżultaw pereżempju minn tnaqqis mhux mistenni fid-dħul mill-bejgħ, iżda jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq bidliet fil-konverżjoni monetarja, speċjalment meta impriża, irrispettivament minn fejn tkun tinsab is-sede tagħha, tikseb parti kbira mid-dħul mill-bejgħ tagħha f'muniti barranin.

70. F'dan ir-rigward, l-impriżi kollha jinsabu fl-istess sitwazzjoni u huma ttrattati b'mod ugwali mil-leġiżlatur tal-Unjoni: dan għaliex, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, tali varjazzjonijiet fil-kapaċità ta' ħlas *ma humiex* meħuda inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-kalkolu tal-limitu ta' 10 %, irrispettivament minn jekk l-impriżi kkonċernati jiddikjarawx id-dħul mill-bejgħ tagħhom f'euro jew f'munita oħra. Għalhekk, f'dan ir-rigward ma jista' jkun hemm ebda ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

43 — Sentenzi Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 54) u Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51); fl-istess sens, ara s-sentenza Ruckdeschel *et* (117/76 u 16/77, EU:C:1977:160, punt 7).

44 — Sentenzi Arcelor Atlantique u Lorraine *et* (C-127/07, EU:C:2008:728, punt 23), Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 55), Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51) kif ukoll P u S (C-579/13, EU:C:2015:369, punt 41).

45 — Sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 281).

71. Barra minn hekk, huwa veru li għal impriżi li ma jiddikjarawx iċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ tagħhom f'euro, iżda f'munita barranija, l-*ispiża* għall-ħlas ta' multa tista' tkun suġġetta għal varjazzjonijiet iktar qawwija minħabba varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju bejn l-aħħar sena kummerċjali tagħhom u l-ġurnata meta tittieħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa milli fil-każ ta' impriżi li jżommu l-kotba tagħhom f'euro. F'dan ir-rigward, għalhekk, is-sitwazzjoni ta' impriżi li għandhom is-sede tagħhom barra miż-żona tal-euro possibbilment tista' tkun differenti mis-sitwazzjoni ta' dawk li huma stabbiliti fi ħdan iż-żona tal-euro.

72. Mis-sempliċi fatt li l-impriżi bis-sede tagħhom barra miż-żona tal-euro jistgħu jbatu iktar minħabba varjazzjonijiet b'rabta mal-munita tal-fondi likwidi tagħhom minn dawk li għandhom is-sede fi ħdan iż-żona tal-euro ma jistax jiġi konkluż, madankollu, li dawn huma intitolati għal eżami mill-ġdid attwali tal-kapaċità ta' ħlas tagħhom fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa, billi tittieħed bħala bażi r-rata tal-kambju kurrenti applikabbli f'dak il-mument.

73. Dan għaliex il-varjazzjonijiet b'rabta mal-munita huma riżultat tar-riskju ta' kambju, li kull impriża għandha ġġarrab hija stess [46]. Impriża li tistabbilixxi ruħha barra ż-żona tal-euro tassumi konxjament ir-riskju ta' żvilupp sfavorevoli fir-rata tal-kambju, l-istess bħalma tgawdi minn kwalunkwe vantaġġ li jirriżulta minn żvilupp favorevoli fir-rata tal-kambju. Ma huwiex aċċettabbli li tali impriża tgħaddi biss kwalunkwe żvantaġġ li jirriżulta mill-fatt li jkollha s-sede tagħha barra miż-żona tal-euro lill-pubbliku ġenerali billi tinvoka l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament b'mod selettiv.

74. B'mod marġinali biss ninnota li sa minn qabel l-introduzzjoni tal-euro mhux l-impriżi fis-suq intern kollha kienu esposti għall-istess riskji ta' kambju. Huwa minnu li f'dak iż-żmien il-Kummissjoni kellha twettaq konverżjoni monetarja għall-impriżi *kollha*, qabel ma jiġu imposti multi fuqhom, filwaqt li dan illum għadu meħtieġ biss għal dawk l-impriżi stabbiliti barra miż-żona tal-euro. Minkejja dan, anki qabel l-introduzzjoni tal-euro, l-impriżi, skont l-Istat Membru fejn stabbilixxew ruħhom, kellhom iħabbtu wiċċhom ma' varjazzjonijiet monetarji differenti fir-rata tal-kambju u konsegwentement ma' riskji ta' kambju ta' gradi differenti.

ii) Il-prinċipju ta' ċertezza legali

75. Min-naħa l-oħra, l-appellanti jasserixxu li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx il-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fehma tagħhom, kull impriża għandha tkun tista' tipprevedi l-ispejjeż finanzjarji li tkun mhedda bihom minħabba multa imposta mill-Kummissjoni fil-munita proprja tagħha.

76. Il-prinċipju ta' ċertezza legali jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirrikjedi, b'mod partikolari, li leġiżlazzjoni li tinvolvi konsegwenzi sfavorevoli fir-rigward ta' individwi tkun ċara u preċiża u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-individwi [47]. Fil-fatt, il-partijiet interessati għandu jkollhom il-possibbiltà li jieħdu konjizzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u li jaġixxu fid-dawl tagħhom [48].

46 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Enso Española vs Il-Kummissjoni (C-282/98 P, EU:C:2000:628, punt 59), Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, punt 89) u Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 604).

47 — Sentenzi Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-550/07 P, EU:C:2010:512, punt 100) u Ålands Vindkraft (C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 127); ara wkoll is-sentenzi Van Es Douane Agenten (C-143/93, EU:C:1996:45, punt 27) u Association nationale d'assistance aux frontières pour les étrangers (C-606/10, EU:C:2012:348, punt 76).

48 — Sentenzi ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et* (C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 68), ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 81) u Ålands Vindkraft (C-573/12, EU:C:2014:2037, punt 128).

77. Fl-istess sens, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod speċjali fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, spjegat li l-multi imposti taħt id-dritt tal-akkordji mill-Kummissjoni huma suġġetti għal limitu massimu li jista' jiġi kkwantifikat u li huwa assolut, b'tali mod li l-ammont massimu tal-multa li jista' jiġi impost fuq impriża partikolari jista' jiġi stabbilit minn qabel [49].

78. Il-kunċett ta' prevedibbiltà loġikament huwa inerenti għal element ta' tbassir. It-tbassir jista' jsir b'mod iktar affidabbli fuq il-bażi ta' data li diġà teżisti mill-passat reċenti milli fuq il-bażi ta' data futura li għadha ma hijiex magħrufa.

79. B'hekk, mingħajr ebda dubju, impriża tista' tbassar aħjar il-limitu ta' 10 % applikabbli fil-każ tagħha għal multi imposti taħt id-dritt tal-akkordji skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, meta dan il-limitu jiġi kkalkolat bl-użu tar-rata tal-kambju medja tal-aħħar sena kummerċjali sħiħa tagħha u ma jkunx ibbażat fuq rata tal-kambju kurrenti futura fil-mument tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li timponi multa, li tkun għadha ma hijiex disponibbli.

80. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat b'mod għalkollox korrett [50] li l-applikazzjoni tar-rata tal-kambju medja tal-BĊE għall-aħħar sena kummerċjali sħiħa ta' impriża qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi multa hija kunsiderevolment iktar xierqa sabiex tħares iċ-ċertezza legali, milli kieku wieħed jibbaża ruħu fuq ir-rata tal-kambju attwali f'mument fil-futur, jiġifieri fil-jum tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi multa.

81. Dan għaliex l-imsemmija rata tal-kambju medja ilha stabbilita mit-tmiem tas-sena kummerċjali kkonċernata u ma tinbidilx iktar, filwaqt li r-rata tal-kambju kurrenti tiddependi minn eventwalitajiet fil-futur, b'mod partikolari l-mument li ser tagħżel il-Kummissjoni għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha li timponi multa, u mis-sitwazzjoni ekonomika f'dak iż-żmien. Jekk tittieħed bħala bażi r-rata tal-kambju medja, b'hekk kull impriża li tipproċedi kontriha l-Kummissjoni minħabba ksur tad-dritt tal-akkordji, tkun tista' diġà tikkalkola eżattament, qabel id-deċiżjoni li ttemm proċedura, l-ammont massimu f'euro li tkun ser tammonta għalih multa li possibbilment ser ikollha tħallas.

82. L-appellanti jilmentaw li l-impriżi li ma jiddikjarawx id-dħul mill-bejgħ tagħhom f'euro jkunu jistgħu jipprevedu l-ispejjeż ta' finanzjament tagħhom għal multa imposta taħt id-dritt tal-akkordji li jkollha titħallas b'mod inqas tajjeb minn impriżi li l-kotba tagħhom jinżammu f'euro.

83. Madankollu, din l-inċertezza tirriżulta mir-riskju ta' kambju, li kif diġà ntqal [51], dejjem għandhom iġarrbu l-impriżi stabbiliti barra miż-żona tal-euro. Apparti minn hekk, fir-rigward ta' obbligazzjonijiet imminenti, impriża bi strateġija għall-futur dejjem trid tieħu prekawzjonijiet fil-munita li fiha dawn l-obbligazzjonijiet iridu jitħallsu fil-futur. F'dan ir-rigward, ma teżisti ebda differenza sinjifikattiva bejn multa imposta taħt id-dritt tal-akkordji, li possibbilment tkun ser tiġi imposta mill-Kummissjoni, u r-riskji ta' responsabbiltà ċivili, li possibbilment jirriżultaw fir-rigward tal-impriżi kkonċernati fi proċeduri quddiem il-qrati nazzjonali.

84. Jekk impriża tiġi mfittxija mill-Kummissjoni fi proċedura skont ir-Regolament Nru 1/2003 bħala parteċipant f'akkordju allegat, ikun fl-interess proprju tagħha li diġà matul din il-proċedura tagħmel riżervi f'euro fuq il-bażi taċ-ċifri tad-dħul mill-bejgħ tagħha għall-aħħar sena kummerċjali sħiħa għal multa li possibbilment tkun trid titħallas jew mill-inqas tiżgura permezz ta' arranġamenti ma' istituzzjonijiet finanzjarji li, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi multa, hija ser ikollha l-likwidità meħtieġa f'euro, sal-limitu ta'10 % skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

49 — Sentenzi Guardian Industries und Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 55), LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 51) u InnoLux vs Il-Kummissjoni (C-231/14 P, EU:C:2015:451, punt 48).

50 — Punt 420 tas-sentenza appellata.

51 — Ara l-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq.

85. Jekk l-impriża kkonċernata ma' tieħu ebda prekawzjoni ta' dan it-tip, b'hekk finalment hija tesponi ruħha għal tranżazzjoni spekulattiva b'rabta mal-iżvilupp fir-rata tal-kambju, u konxjament tassumi r-riskju li iktar tard il-muniti barranin għall-ħlas ta' kwalunkwe multa jkunu jistgħu jinkisbu f'kundizzjonijiet inqas favorevoli milli kien ikun il-każ fit-tmiem tal-aħħar sena kummerċjali tagħha qabel id-deċiżjoni li timponi multa.

86. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat f'kuntest ieħor, fil-każ tal-varjazzjonijiet monetarji hemm fattur kawżali li jista' jipproduċi vantaġġi kif ukoll żvantaġġi [52]. L-eżistenza ta' tali varjazzjonijiet monetarji bħala tali ma tistax twassal sabiex multa imposta b'mod legali ma tkunx adegwata [53].

3. Konklużjoni intermedjarja

87. Għaldaqstant, kollox ma kollox, ma jkunx jikkostitwixxi ksur tal-għan tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u lanqas tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' ċertezza legali jekk, fir-rigward tal-konverżjoni monetarja fil-kuntest tal-kalkolu tal-limitu ta' 10 % għal multi imposti taħt id-dritt tal-akkordji, tittieħed bħala bażi r-rata tal-kambju medja tal-aħħar sena kummerċjali sħiħa tal-impriża kkonċernata qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li timponi multa. Il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali [54] f'dan is-sens hija ħielsa minn żbalji ta' liġi. Konsegwentement, jirriżulta li t-tieni aggravju ma huwiex fondat.

C – *Fuq diversi prinċipji ġenerali tad-dritt u kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-istat tad-dritt (it-tielet aggravju)*

88. It-tielet aggravju huwa ddedikat għal diversi prinċipji ġenerali tad-dritt u kunsiderazzjonijiet b'rabta mal-istat tad-dritt, li l-appellanti jallegaw li ġew miksura mill-Qorti Ġenerali. Permezz tiegħu huma jattakkaw il-punti 396 sa 402, minn naħa, kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-punti 434, 438 u 440 sa 444 tas-sentenza appellata. F'dan ir-rigward, l-ewwel parti tat-tielet aggravju tapplika biss għar-rekwiżiti legali li jirriżultaw mill-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità (ara, f'dan ir-rigward, it-Taqsima 1 hawn taħt), filwaqt li t-tieni parti tindirizza l-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti Ġenerali (ara t-Taqsima 2 iktar 'l isfel).

89. L-istudju mwettaq minn kumpannija ta' konsulenza maniġerjali ppreżentat minn Pilkington għandu rwol essenzjali għall-argumenti tal-appellanti dwar iż-żewġ partijiet ta' dan l-aggravju. L-appellanti jgħidu li minn dan l-istudju jista' jiġi konkluż li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Pilkington ġarrbet deterjorament sinjifikattiv minħabba l-multa imposta mill-Kummissjoni.

90. Nixtieq ngħid mal-ewwel li l-*modus operandi* tal-Qorti Ġenerali kien assolutament xieraq fid-dawl ta' dan l-istudju u ma jistax jiġi kkontestat legalment. B'mod korrett, il-Qorti Ġenerali ħadet l-imsemmi studju inkunsiderazzjoni biss għall-finijiet tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li fil-kuntest tagħha għandha d-dritt tieħu inkunsiderazzjoni wkoll fatti u provi li jkunu rriżultaw biss wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni

52 — Sentenza Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 604).

53 — Sentenzi Enso Española vs Il-Kummissjoni (C-282/98 P, EU:C:2000:628, punt 59), Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, punt 89) u Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 604).

54 — Punt 421 flimkien mal-punti 415 u 416 tas-sentenza appellata.

kkontestata[55]. Madankollu, il-Qorti Ġenerali, b'mod li wkoll huwa korrett, ma qisitx dan l-istudju fil-kuntest tal-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba li f'dan il-kuntest jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss elementi li kienu disponibbli diġà anki għall-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni[56].

1. Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità (l-ewwel parti tat-tielet aggravju)

91. L-ewwel nett, l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali injorat ir-rekwiżiti legali tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità. Huma jilmentaw dwar "diskrepanza flagranti" fil-piż li jinvolvu s-sanzjonijiet imposti mill-Kummissjoni għall-parteċipanti individwali fl-akkordju. Pilkington stess tqis li s-sanzjoni imposta fuqha hija ħafna iktar oneruża milli huwa l-każ għall-kompliċi tagħha, minħabba li l-multa imposta fuqha tirrappreżenta proporzjon ħafna ikbar tad-dħul mill-bejgħ tagħha milli huwa l-każ għall-parteċipanti l-oħra fl-akkordju, li kellhom iktar varjetà ta' prodotti.

92. F'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali fakkret b'mod korrett[57] li l-ammonti finali tal-multi mhux neċessarjament iridu jkunu jirriflettu d-differenzi kollha bejn l-impriżi kkonċernati fir-rigward tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom jew id-dħul mill-bejgħ rilevanti tagħhom[58]. Dan għaliex, irrispettivament mil-limitu ta' 10 % li jinsab fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-kalkolu ta' multi imposti taħt id-dritt tal-akkordji ma humiex proċess mekkaniku li bih is-sanzjoni bilfors irid ikollha ċertu relazzjoni mad-dħul mill-bejgħ globali rispettiv tal-impriżi kollha kkonċernati.

93. Huwa minnu li l-Kummissjoni, meta timponi multi taħt id-dritt tal-akkordji skont l-Artikolu 23(2)(1)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 ma hijiex kompletament libera fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, iżda hija suġġetta għal stħarriġ ġuridiku dwar jekk osservatx il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali ggarantiti fuq il-livell tal-Unjoni[59], b'mod partikolari l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità[60].

94. Madankollu, fil-każ preżenti l-Qorti Ġenerali ma injorat ir-rekwiżiti legali tal-ebda wieħed minn dawn il-prinċipji.

a) Ir-rekwiżiti legali tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

95. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif diġà ntqal[61], dan jeħtieġ li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, ħlief jekk tali trattament ikun oġġettivament iġġustifikat.

55 — Sentenza Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 72).

56 — Sentenzi Franza vs Il-Kummissjoni (15/76 u 16/76, EU:C:1979:29, punt 7), Crispoltoni *et* (C-133/93, C-300/93 u C-362/93, EU:C:1994:364, punt 43), IECC vs Il-Kummissjoni (C-449/98 P, EU:C:2001:275, punt 87) u Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 31).

57 — Punt 397 tas-sentenza appellata.

58 — Sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 312).

59 — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali: ara wkoll l-indikazzjoni ta' natura dikjaratorja fil-premessa 37 tar-Regolament Nru 1/2003, fejn jingħad li dan ir-regolament għandu jiġi interpretat u applikat b'rispett tad-drittijiet u tal-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta.

60 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 304 u 319), Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 58) u Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni (C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 62).

61 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 63 u 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

96. Normalment il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament huwa ssodisfatt meta jiġi ssanzjonat ksur tad-dritt tal-akkordji jekk il-parteċipanti kollha f'akkordju jiġu ttrattati skont l-istess kriterji fir-rigward tal-kalkolu tal-multa li għandha tiġi imposta fuqhom[62], sabiex l-istess ksur uniku tad-dritt tal-akkordji ma jitkejjilx *kwalitattivament* filwaqt li jiġu applikati żewġ kejlijiet[63]. F'dan ir-rigward, sitwazzjoni fejn il-multa finalment imposta fuq impriża tkun tammonta għal madwar 10 % tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha, u b'hekk tkun qrib jew saħansitra tilħaq il-limitu stabbilit legalment [it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003], filwaqt li dan il-perċentwali jirriżulta inqas għal parteċipanti oħra fl-akkordju[64], fiha nnifisha, ma tikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

97. Fil-każ preżenti, minkejja dan, l-appellanti jixtiequ jiksbu trattament speċjali għal Pilkington, b'tali mod li l-multa imposta fuqha titnaqqas għal perċentwali inqas tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha. B'mod korrispondenti, huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali ċaħħdithom minn dan it-trattament speċjali.

98. Devjazzjoni mill-metodu ta' kalkolu tal-multi klassiku possibbilment tista' tkun iġġustifikata meta l-metodu ta' kalkolu applikat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Linji gwida tal-2006 ma jippermettix li ssir ebda differenzazzjoni adegwata tal-multi imposti fuq il-parteċipanti individwali f'akkordju fid-dawl tat-tul u tal-gravità tal-parteċipazzjoni individwali tagħhom fl-akkordju kif ukoll fir-rigward ta' ċirkustanzi attenwanti jew aggravanti[65]. Iżda fil-każ preżenti ma teżisti ebda indikazzjoni ta' dan, u lanqas l-appellanti ma għamlu ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward.

99. Barra minn hekk, il-kwistjoni ta' jekk is-sitwazzjoni ta' Pilkington kinitx sinjifikattivament differenti minn dik tal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju minħabba ċirkustanzi partikolari u b'hekk kienet teħtieġ trattament speċjali fir-rigward tal-kalkolu tal-multa fl-aħħar mill-aħħar hija kwistjoni ta' evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi. Skont ġurisprudenza stabbilita[66] dan huwa kompitu esklużiv tal-Qorti Ġenerali u ma għandux jiġi eżaminat mill-ġdid fl-istadju tal-appell mill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe żnaturament ta' fatti u provi li madankollu f'dan il-każ ma sarx ilment dwaru.

100. Għal finijiet ta' kompletezza biss, ninnota li l-fatt tal-ispeċjalizzazzjoni qawwija ta' Pilkington fil-ħġieġ tal-vetturi u li għandha inqas varjetà ta' prodotti meta mqabbla mal-parteċipanti l-oħrajn fl-akkordju, meta jitqies waħdu, ma jidhirx li huwa suffiċjenti sabiex fil-kalkolu tal-multa imposta fuq Pilkington ikunu jistgħu jipprevalu miżuri speċjali. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ġustament tinnota li impriża bħal Pilkington, li tikseb il-biċċa l-kbira tad-dħul mill-bejgħ globali tagħha permezz tal-prodotti ppreġudikati mill-akkordju, b'mod korrispondenti tipprofitta iktar minn kwalunkwe qligħ li jistgħu jiksbu l-parteċipanti fl-akkordju minħabba l-aġir kolluživ tagħhom. F'dan il-kuntest, bl-ebda mod ma jidher li huwa inġust li l-multa imposta mill-Kummissjoni tirrappreżenta perċentwali ogħla tad-dħul mill-bejgħ globali ta' din l-impriża, milli huwa l-każ għal parteċipanti oħra fl-akkordju.

62 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 58), li skontha l-impriżi li pparteċipaw fi ftehim jew prattika miftiehma bi ksur tal-Artikolu 81(1) KE ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod mhux ugwali minħabba l-użu ta' metodi ta' kalkolu differenti meta tiġi kkalkolata l-multa.

63 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:11, punt 57).

64 — Sentenza Putters International vs Il-Kummissjoni (T-211/08, EU:T:2011:289, punt 74).

65 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Putters International vs Il-Kummissjoni (T-211/08, EU:T:2011:289, punt 75); ara, b'mod addizzjonali, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-10 ta' Marzu 2015, dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE għall-2013, ippreżentat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Mejju 2014 [Riżoluzzjoni tal-Parlament P8_TA(2015)0051, punt 29].

66 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 177), Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 58) u Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni (C-373/14 P, EU:C:2016:26, punti 40 u 41).

101. Barra minn hekk, din il-konklużjoni ma titqegħidx f'dubju mill-fatt li l-Kummissjoni fil-passat xi kultant wettqet tnaqqis tal-multi sabiex tissodisfa l-karatteristiċi partikolari tal-mudell tan-negozju ta' parteċipanti individwali f'akkordju. Dan minħabba li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix bħala qafas legali applikabbli għal multi fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni [67].

102. Għal dak li jikkonċerna b'mod speċjali l-każ ta' Almamet iċċitat mill-appellanti, is-sitwazzjoni ta' din l-impriża kienet ikkaratterizzata minn karatteristiċi partikolari li ma japplikawx bl-istess grad għal Pilkington – fi kwalunkwe każ skont l-informazzjoni disponibbli għall-qrati tal-Unjoni [68].

103. B'hekk, l-ilment dwar il-ksur tar-rekwiżiti legali tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi miċħud bħala infondat.

b) Ir-rekwiżiti legali tal-prinċipju ta' proporzjonalità

104. Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' proporzjonalità, li skont l-Artikolu 49(3) tal-Karta għandu jgawdi mill-istatus ta' dritt fundamentali [69], huwa ġeneralment aċċettat li dan ukoll għandu jiġi osservat meta jiġu imposti l-multi fil-każ ta' akkordju [70].

105. Finalment, l-appellanti hawnhekk jallegaw li l-Qorti Ġenerali injorat ir-rekwiżiti legali tal-proporzjonalità fid-dawl tar-relazzjoni bejn il-multa imposta mill-Kummissjoni u d-dħul mill-bejgħ globali ta' Pilkington.

106. Bħala prinċipju, il-limitu legali ta' 10 % li diġà semmejt [71] jiżgura, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, li l-multi imposti mill-Kummissjoni fuq il-parteċipanti f'akkordju jinżammu f'relazzjoni xierqa mal-kapaċità ta' ħlas rispettiva tagħhom u li ma tiġi imposta ebda multa eċċessiva jew sproporzjonata [72]. Jekk dan il-limitu jiġi osservat, għandu jiġi preżunt li l-multa *ma taffettwax* il-kapaċità ta' ħlas tal-impriża kkonċernata b'mod sproporzjonat.

107. Mis-sempliċi ċirkustanza li multa – possibbilment kif ukoll sinjifikattivament – tkun ta' piż finanzjarju għall-impriża kkonċernata u twassal sabiex iddgħajjef temporanjament il-kapaċità finanzjarja tagħha, bl-ebda mod ma jista' jiġi dedott li l-multa hija sproporzjonalment għolja. Għall-kuntrarju, is-sanzjoni li tiġi imposta fuq l-impriża fl-għamla ta' multa *għandha* tkun apprezzabbli, sabiex b'hekk ikun jista' jkollha l-effett dissważiv speċifiku u ġenerali tagħha (ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-punt 4 tal-Linji gwida tal-2006). Dan l-għan ma jintlaħaqx jekk impriża tkun tista' tħallas is-sanzjoni "mill-ammonti żgħar ta' flus li jkollha".

67 — Sentenzi JCB Service vs Il-Kummissjoni (C-167/04 P, EU:C:2006:594), Telefónica und Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 189) u LG Display u LG Display Taiwan vs Il-Kummissjoni (C-227/14 P, EU:C:2015:258, punt 67).

68 — Bħalma tenfasizza l-Qorti Ġenerali fis-sentenza Novácke chemické závody vs Il-Kummissjoni (T-352/09, EU:T:2012:673, punt 139), is-sitwazzjoni tal-impriża Almamet hija kkaratterizzata b'mod partikolari mill-fatt li huma kkonċernati "materjali ta' valur għoli b'marġni ta' profitt ridott".

69 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:248, punt 222).

70 — Sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 319) u Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 365).

71 — Ara, f'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet tiegħi iktar 'il fuq dwar it-tieni aggravju, b'mod partikolari l-punt 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72 — Sentenzi Musique diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni (100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punti 119 u 121), Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 280 u 281), Britannia Alloys & Chemicals vs Il-Kummissjoni (C-76/06 P, EU:C:2007:326, punt 24) u YKK *et* vs Il-Kummissjoni (C-408/12 P, EU:C:2014:2153, punt 63).

108. Jekk dak li jkun ikun irid jagħmel użu mill-fatt li possibbilment il-kapaċità finanzjarja tal-impriża kkonċernata tiddgħajjef minħabba l-multa imposta taħt id-dritt tal-akkordji sabiex inaqqas din is-sanzjoni, dan barra minn hekk ikollu l-effett pervers li l-imsemmija impriża tiġi ppremjata b'vantaġġ finanzjarju mhux iġġustifikat għal ksur serju li tkun wettqet fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni[73]. Jekk impriża b'mod mhux mistenni taffaċċja diffikultajiet sabiex tħallas, kif diġà semmejt[74], id-dritt dwar il-baġit tal-Unjoni jipprevedi soluzzjonijiet xierqa.

109. F'dan il-kuntest, bl-istess mod bħall-ilment ibbażat fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, lanqas l-ilment dwar ksur tar-rekwiżiti legali tal-prinċipju ta' proporzjonalità ma huwa fondat.

2. L-eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (it-tieni parti tat-tielet aggravju)

110. Fl-aħħar nett, l-appellanti, fil-kuntest tat-tielet aggravju, jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ma għamlitx użu mill-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha skont l-Artikolu 261 TFUE flimkien mal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003 daqs kemm kien meħtieġ.

111. L-ostakolu hawnhekk huwa prinċipalment il-kunsiderazzjonijiet fil-punti 442 u 443 tas-sentenza appellata, fejn il-Qorti Ġenerali riedet tnaqqas il-multa imposta mill-Kummissjoni minħabba l-impatti finanzjarji negattivi tagħha fuq l-impriżi kkonċernati biss "taħt ċirkustanzi eċċezzjonali", "meta dan ikun iġġustifikat minn interess maġġuri"[75]. Fil-fehma tal-appellanti, il-Qorti Ġenerali b'din id-dikjarazzjoni illegalment illimitat ruħha għal "applikazzjoni superfiċjali" tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha[76].

112. L-eżerċizzju min-naħa tal-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha jiġi mistħarreġ biss mill-Qorti tal-Ġustizzja għal żbalji manifesti[77]. L-ewwel nett, żbalji bħal dawn jiġu preżunti jekk il-Qorti Ġenerali tkun interpretat b'mod żbaljat il-portata tas-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 261 TFUE[78], it-tieni nett, jekk ma tkunx eżaminat bir-reqqa l-aspetti rilevanti kollha[79] u, it-tielet nett, jekk tkun stabbilixxiet parametri legali żbaljati[80], mhux l-inqas fir-rigward tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament[81] u ta' proporzjonalità[82].

73 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 327), SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (C-308/04 P, EU:C:2006:433, punt 105) u KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-389/10 P, EU:C:2011:816, punt 103); ara, fl-istess sens, is-sentenza IAZ International Belgium *et* vs Il-Kummissjoni (96/82 sa 102/82, 104/82, 105/82, 108/82 u 110/82, EU:C:1983:310, punti 54 u 55).

74 — Ara l-punt 59 ta' dawn il-konklużjonijiet.

75 — Punt 442 tas-sentenza appellata.

76 — Bil-lingwa tal-kawża: "a 'light touch' review".

77 — Sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-ħġ219/00 P, EU:C:2004:6, punt 365).

78 — Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, EU:C:2005:751, punt 137) u Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:248, punt 190); ara, fl-istess sens, is-sentenzi Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punti 155 u 156) u Kone *et* vs Il-Kummissjoni (C-510/11 P, EU:C:2013:696, punti 40 u 42).

79 — Sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 128), Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-202/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 244 u 303) u Papierfabrik August Koehler *et* vs Il-Kummissjoni (C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, EU:C:2009:500, punt 125).

80 — Sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni (C-185/95 P, EU:C:1998:608, punt 128), Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 244 u 303) u Papierfabrik August Koehler *et* vs Il-Kummissjoni (C-322/07 P, C-327/07 P u C-338/07 P, EU:C:2009:500, punt 125).

81 — Sentenzi Weig vs Il-Kummissjoni (C-280/98 P, EU:C:2000:627, punti 63 u 68), Sarrió vs Il-Kummissjoni (C-291/98 P, EU:C:2000:631, punti 97 u 99) u Alliance One International und Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni (C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 58).

82 — Sentenzi E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 126) u Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punt 165).

113. L-ilment imressaq mill-appellanti f'dan il-każ dwar approċċ wisq superfiċjali fir-rigward tal-"*pleine juridiction*" jaqa' fl-ewwel waħda mill-kategoriji msemmija: fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti Ġenerali ġiet akkużata li interpretat b'mod żbaljat il-portata tas-setgħa tagħha skont l-Artikolu 261 TFUE [83].

114. Fil-verità dawn is-setgħat huma estiżi ħafna: skont l-Artikolu 261 TFUE, il-Qorti tal-Ġenerali, lil hinn mis-sempliċi stħarriġ tal-legalità ta' multa imposta taħt id-dritt tal-akkordji mill-Kummissjoni, għandha s-setgħa tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-iffissar tal-ammont ta' din il-multa b'dik tagħha [84]. Għaldaqstant, hija tista' tħassar, tnaqqas, jew iżżid il-multa wkoll, skont sempliċi kunsiderazzjonijiet ta' espedjenza, mingħajr ma qabel ikollha tannulla d-deċiżjoni kkontestata [85]. Konsegwentement, l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa mhux bilfors jimplika l-konstatazzjoni ta' żball ta' liġi.

115. Il-Qorti Ġenerali fil-każ preżenti kienet taf sewwa dwar din il-possibbiltà li għandha fil-kuntest tal-Artikolu 261 TFUE [86]. Il-Qorti Ġenerali bl-ebda mod ma assumiet li tnaqqis tal-multa imposta mill-Kummissjoni *jista'* jsir biss taħt ċirkustanzi eċċezzjonali. Għall-kuntrarju, hija assumiet li tali tnaqqis, speċjalment minħabba li allegatament iddgħajfet il-kapaċità finanzjarja tal-impriżi kkonċernati, kien *xieraq* biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

116. Fi kliem ieħor, fil-każ preżenti l-Qorti Ġenerali indirizzat tajjeb ħafna l-argument ta' Pilkington fir-rigward tad-deterjorament tal-kapaċità finanzjarja tagħha, inkluż l-istudju tal-kumpannija ta' konsulenza maniġerjali ppreżentat minn Pilkington. Iżda, f'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li l-multa ma kellhiex titnaqqas mhux minħabba kunsiderazzjonijiet legali interpretati b'mod żbaljat, iżda biss minħabba *kunsiderazzjonijiet ta' espedjenza*. Dan huwa partikolarment ċar jekk jitqies il-kuntest li fih il-Qorti Ġenerali għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar iċ-"ċirkustanzi eċċezzjonali": il-Qorti Ġenerali hija ggwidata mit-tħassib li l-effettività tal-politika dwar il-kompetizzjoni tal-Unjoni tista' tiġi ppreġudikata jekk il-multi imposti taħt id-dritt tal-akkordji ma jkunux jinvolvu ċerta severità għall-impriżi kkonċernati [87].

117. Kif diġà ġie indikat iktar 'il fuq [88], ma hemmx lok li tali kunsiderazzjoni tiġi kkontestata mil-lat legali. Barra minn hekk, din hija kompletament allinjata mal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ddefinita mill-Kummissjoni fil-Linji gwida tal-2006 [89]. Huwa minnu li dawn il-Linji gwida ma jistgħux ikunu vinkolanti għall-ġudikatura, iżda minkejja dan il-qrati tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jispiraw ruħhom minnhom meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħhom [90].

83 — Jien diġà ddiskutejt ir-rekwiżiti legali li jirriżultaw mill-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità preċedentement, fl-ewwel parti tat-tielet aggravju (ara l-punti 87 sa 105 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq).

84 — Sentenzi Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 692), KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (C-389/10 P, EU:C:2011:816, punt 130), AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni (C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 74) u Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 75).

85 — Sentenzi Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 692) u Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni (C-534/07 P, EU:C:2009:505, punt 86).

86 — Ara, b'mod partikolari, il-punti 431, 432 u 434 tas-sentenza appellata.

87 — Punt 441 tas-sentenza appellata.

88 — Ara l-punti 102 sa 104 ta' dawn il-konklużjonijiet iktar 'il fuq.

89 — Ara, b'mod partikolari, il-punt 35 tal-Linji gwida tal-2006: "F'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista', fuq talba, tieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' kapaċità ta' ħlas ta' impriża f'kuntest soċjali u ekonomiku partikolari. Il-Kummissjoni ma hijiex ser tnaqqas multa għal din ir-raġuni fuq il-bażi ta' sempliċi konstatazzjoni ta' sitwazzjoni finanzjarja sfavorevoli jew ta' defiċit. Tnaqqis jista' jingħata biss fuq il-bażi tal-provi oġġettivi li l-impożizzjoni ta' multa, fil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-preżenti linji gwida, jipperikolaw b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tal-impriża kkonċernata u twassal li ttellef l-assi tagħha mill-valur kollu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

90 — Sentenzi Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 80) u Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni (C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 90).

118. Kollox ma' kollox, b'hekk, il-Qorti Ġenerali għamlet użu tajjeb mill-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Bħala prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja bħala qorti tal-appell ma tistax twettaq evalwazzjoni iktar estensiva tal-multa fir-rigward tal-proporzjonalità tagħha. Huwa biss b'mod eċċezzjonali ħafna li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun awtorizzata tintervjeni hija stess, meta "l-livell tas-sanzjoni huwa mhux biss mhux xieraq, iżda wkoll eċċessiv, tant li huwa sproporzjonat"[91]. Madankollu, fil-każ preżenti ma hemm ebda indikazzjoni ta' tali natura manifestament u evidentement sproporzjonata bejn il-ksur u s-sanzjoni, li tkun tirrikjedi korrezzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala qorti tal-appell.

119. Għaldaqstant din l-aħħar parti tat-tielet aggravju wkoll hija ineffettiva. Għalhekk, it-tielet aggravju huwa infondat fl-intier tiegħu.

D – *Sommarju*

120. Peress li l-ebda wieħed mill-aggravji mressqa mill-appellanti ma jista' jintlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

## VI – **Spejjeż**

121. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

122. Skont l-Artikolu 138(1) u (2) flimkien mal-Artikolu 184(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu; jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż. Peress li l-Kummissjoni talbet li l-appellanti jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż u peress li dawn tilfu l-argumenti tagħhom, huma għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż. Billi ppreżentaw l-appell flimkien, għandhom iħallsu dawn l-ispejjeż *in solidum*.

## VII – **Konklużjoni**

123. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud.

2) L-appellanti għandhom ibatu l-ispejjeż tal-proċedura *in solidum*.

91 — Sentenzi E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punti 125 u 126), Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni (C-501/11 P, EU:C:2013:522, punti 164 u 165) kif ukoll Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punt 205).